MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 74

17 ta' April 2017

Minuti tas-seduta Nru. 74 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 17 ta' April 2017 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsilliera A. Brincat Stellini li kienet indisposta skont notifika mogħtija permezz ta' imejl datat 17 ta' April 2017.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 14.2. tas-seduta ta' qabel u talab li tiġi emendata biex tinqara kif ġej:

*"14.2. Is-Sindku aċċenna li qed jaslulu lmenti dwar sewqan ta' vetturi offroad fl-inħawi Tal-Blata u Selmun. Is-Sur J. Buttigieg stqarr li dawn it-tip ta' abbużi jidher li żdiedu u jeħtieġ isir aktar infurzar tal-liġi, filwaqt li l-Kunsillier H. Fenech fakkar li huwa ġibed l-attenzjoni diversi drabi dwar sewqan ta' vetturi fuq is-salini tal-melħ.".*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 73, li saret fit-28 ta' Marzu 2017, ġew approvati u ffirmati bl-emenda skont il-minuta 1.1., aktar 'il fuq. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Kawza Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieha u Central Asphalt Ltd (T/4/13/Vol XII)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta preċendenti u qal li s-smiegħ tal-mandat ta' inibizzjoni mressaq mis-sinjuri Gouder sar fil-10 ta' April 2017. L-avukat ta' Gouder allegat li l-*culvert* għall-ilma tax-xita kif imfassal mill-Perit M. L. Caruana Galea mhux ser ikun effettiv, u nsistiet li x-xogħol isir skont il-pjan tal-perit oriġinarjament maħtur mill-Qorti, is-Sur David Pace. Il-Perit Caruana Galea xehdet li skont l-atti tal-kawża, il-Perit D. Pace stess iddikajara li huwa kien għamel biss skizz. Xehdet ukoll li l-pjanti sottomessi minnha kienu bbażati fuq *surveys* topografiċi. Hija ddikjarat li kemm-il darba jkun hemm tibdil, hija mhux lesta li tiċċertifika x-xogħol, anzi tirrinunzja mill-inkarigu mogħti lilha mill-Qorti. L-Imħallef M. Hayman staqsiet lill-partijiet sabiex jinstab kompromess dwar

x'għandu jsir. Is-Sur C. Debono qal li permezz tal-konsulent legali l-Qorti ġiet mitluba biex tkompli l-proċess. Huwa qal li kien hemm opportunitajiet simili li ma ħallewx frott, kif ukoll minħabba l-fatt li Gouder m'għandhomx intenzjoni li jirrispettaw is-sentenza mogħtija mill-Imħallef S. Meli. Il-Qorti kellha tagħti d-digriet fi smiegħ ieħor.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.2.1. PA 4811/15 – Żvilupp fi Triq Lewis Wettinger (P/5/1/Vol IV)**

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq u ressaq kopja tal-pjanti approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar. Ġie spjegat li l-istess pjanti juru li ser titħalla *service road* b'wisa' ta' karreġġjata waħda, fejn mhux possibbli li jsir ipparkjar fiha.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif moghti.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 12/04/17;
- Skeda ta' Xiri permezz tal-*Petty Cash* – 11/03/17 – 06/04/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 25/03/17 – 12/04/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Rendikont ta' sottomissjonijiet – Konkors Innu tal-Mellieħa.

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Attività sportiva fil-Park tal-Familja (S/6/Vol VI)**

4.1.2. Saret referenza għall-ittra datata 9 ta' April 2017, mibgħuta mill-Mellieħa Tritons Sports Club, fejn talbu lill-Kunsill sabiex jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' wirja tal-ħames dixxipli sportivi offruti lill-membri tal-klabb li ser issir fil-Park tal-Familja nhar il-Ħadd 30 ta' April 2017 bejn l-10.00am u s-2.00pm.

4.1.3. Il-Kunsill laqa' din l-istedina sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbiżx €350.

**4.2.1. Tagħrif dwar il-lokalità aċċessibli minn *smart phones* (I/1/3/Vol VI)**

4.2.2. Saret referenza għall-imejl datat 28 ta' Marzu 2017, fejn is-Sur G. Borg D'Anastasi offra li jipprovdi u jaġġorna skont il-ħtieġa applikazzjoni aċċessibbli permezz ta' telefons *smart phones*, li jkollha ċerti fatturi bħalma huma:

- Tagħrif ġenerali dwar il-lokalità;
- Katalgu għat-turisti;
- Tagħrif dwar postijiet ta' interess;
- Tagħrif dwar rotot li wieħed jista' jieħu biex isib il-postijiet;
- Kuntatt dirett mal-Kunsill;
- Pubblikazzjoni tal-magazin "Mill-Qiegħa";
- Direttorju li jinkludi tagħrif silettiv;
- Kalendarju ta' avvenimenti li jista' jinkludi formola biex wieħed jibbukkja;
- Kupuni dwar offerti speċjali offruti minn negozji lokali;
- Pubblikazzjoni fuq Google Plan u Apple *IOS platforms*.

4.2.3. Ġie spjegat li biex tinħoloq din l-applikazzjoni qed jintalab ħlas ta' darba ta' €950 u €25 fix-xahar bil-VAT inkluża sabiex isir aġġornament tat-tagħrif skont il-ħtieġa.

4.2.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jitkomplew il-kuntatti bil-għan li jinstab mezz illi jiżgura li t-tagħrif imtellgħa fis-sit elettroniku tal-Kunsill ikun konformi ma' dak li jkun hemm fl-applikazzjoni proposta. Il-Kunsill ġie mfakkar ukoll li riċentement, ġie faċilitat l-aċċess

għas-sit elettroniku tal-Kunsill permezz tal-ismart phones u għalhekk wieħed għandu jara li ma jkunx hemm dupplikazzjoni ta' xogħol bil-għan li ma jsirux spejjeż bla bżonn.

**4.3.1. PC 0021/15 - Bdil fl-iskema ta' Triq il-Mellieħa u Misraħ il-Parroċċa – Manikata (P/4/25)**

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 24 ta' Marzu 2017 dwar fost oħrajn it-tneħħija ta' kurva perikoluża fit-triq ġdida biswit Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata u l-introduzzjoni ta' *roundabout* kantuniera ma' Triq il-Mejjiesa u Triq il-Knisja l-Qadima. Fl-ittra ntqal li t-talba ma ġietx milqugħa peress li t-Taqsima Proprjetà tal-Gvern ma kinitx tat il-kunsens tagħha permezz tal-Formola PC-D mingħand sid l-art, skont kif mitlub fl-L.S.552.07.

4.3.3. Il-Kunsillier J. Attard qal li huwa jaqbel mat-teħid ta' biċċa mill-bitħa fejn hemm il-latrini, sabiex jispiċċa għal kollox it-traġitt ta' vetturi minn quddiem il-Knisja.

4.3.4. Is-Sindku qal li fiċ-ċirkostanzi huwa ma jaqbilx li tittieħed biċċa art okkupata mill-ġnien, peress li fil-parti li trid tittieħed hemm ġiebja, apparti li tingħalaq l-arja għal-latrina li hemm taħt il-ġnien. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li għandha tingħata dehra aħjar tal-pjazza b'tali mod li tibqa' isservi ta' parkeġġ, kif jixtiequ r-residenti tal-Manikata.

4.3.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm-il darba ma jsirx tibdil fit-triq eżistenti, għandha tiġi ntrodotta sistema ta' *one-way* bit-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni ta' Għajn Tuffieħa jgħaddi mit-triq il-ġdida, filwaqt li dak li jkun ġej minn Triq il-Mellieħa jgħaddi minn quddiem il-Knisja.

4.3.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti skont il-minuti 4.3.4. u 4.3.5., aktar 'il fuq.

**4.4.1. Attivita` flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol VI)**

4.4.2. Inqara imejl datat 29 ta' Marzu 2017, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' *Easter Egg Hunt* miftuħa għall-pubbliku, u li ttellgħat fil-Grawnd ta' Pennellu nhar is-Sibt 16 ta' April 2017.

4.4.3. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'organizzazzjoni ta' din l-attività, sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €200.

**4.5.1. Żoni ta' Protezzjoni Marittimi (X/1/6/Vol II)**

4.5.2. Inqara imejl datat 27 ta' Marzu 2017 mibgħut mill-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent li permezz tagħha l-Kunsill ġie mistieden għal laqgħa ntiża sabiex ikun hemm bdil ta' informazzjoni u jiġu diskussi fehmiet dwar it-tmexxija ta' żoni marittimi protetti madwar il-Gżejjer Maltin.

4.5.3. Il-Kunsill qabel li għandu jattendi s-Sindku.

**4.6.1. Għarfien dwar il-marda tal-Parkinsons (S/6/Vol VI)**

4.6.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal ittra datata 13 ta' Marzu 2017 mibgħuta mill-Malta Parkinsons Disease Association, fejn il-Kunsilli Lokali ntalbu jipparteċipaw f'iniżjattiva li beħsiebhom jieħdu biex iqajjmu għarfien għal din il-marda, permezz ta' materjal stampat f'dawk il-lokalitajiet li jissieħbu magħhom.

4.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbisx il-€100..

**4.7.1. Tindif volontarju ġewwa l-Aħrax (T/4/6/Vol V)**

4.7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għal imejl datat 17 ta' April 2017 mibgħut minn grupp ta' persuni nvoluti fl-inizjattivi msemmija msejħa ŻibelMalta, li qed jappellaw għall-għajnuna mill-Kunsill sabiex isir tindif fl-Aħrax fit-30 ta' April 2017. Huwa qal li normalment ikun

hemm madwar 200 persuna li jieħdu sehem f'attività waħda. Huwa ppropona wkoll li jiġu kkuntattjati l-għaqdiet tal-Mellieħa sabiex jekk iridu, jingħaqdu ma' din l-inizjattiva.

4.7.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem billi jipprovdi boroż griżi, ingwanti, u tliet *skips*.

## 4.8.1. Proposta ta' proġett dwar l-isports (P/10/1/Vol IV)

4.8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għal imejl datat 5 ta' April 2017, fejn il-Muniċipalità ta Fiumincino fl-Italja stiednet lill-Kunsill sabiex jieħu sehem fi proġett taħt il-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea. It-tema tiegħu tittratta l-importanza tal-isports akwatiku, l-inklussività fl-isports, u l-effetti pożittivi li dan iħalli fuq is-saħħa. Il-proġett huwa maħsub li jitwettaq f'Jannar 2018, kemm-il darba jiġi approvat.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li għandu juri l-interess tiegħu li jieħu sehem, kemm-il darba jiġi approvat.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 12 ta' April 2017.

5.3. Il-Kunsillier P. Cutajar talab li ma jkunx parteċipi fid-deċiżjoni dwar l-*item* 11 minħabba nteress pekunjarju.

5.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-25 ta' Marzu u t-12 ta' April 2017.

6.3. Tressqet ukoll Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn il-11 ta' Marzu u 6 ta' April 2017.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fiż-żewġ skedi. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 7.1. Innu tal-Mellieħa (K/2/10)

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħa dwar il-konkors imsemmi hawn fuq għalqet fit-30 ta' Marzu 2017 f'nofsinhar. Eżattament kif din għalqet, infetħu l-*Envelopes* C u A fil-preżenza tas-Sindku J. Buttigieg, il-Viċi Sindku C. Bartolo u l-Kunsillier E. Bartolo, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

7.3. Irriżulta li kien hemm sitt konkorrenti, li isimhom għadu mhux magħruf, billi l-*Envelope* B ma nfetaħx. L-*Envelope* B ta' kull konkorrent ingħata numru distintiv, li ġie ripetut fuq il-materjal kollu li nstab fl-*Envelope* A. Wara sar rendikont ta' kull sottomissjoni, biex jiġi stabbilit jekk il-konkorrenti għaddewx il-materjal kollu mitlub skont ir-regolamenti tal-istess konkors. L-istess rendikont qiegħed jiġi meħmuż ma' dawn il-minuti.

7.4. Sussegwentement, l-istess rendikont, flimkien mal-materjal tal-*Envelope* A, ser jiġi mgħoddi lil Bord tal-Għazla ndipendenti, kompost minn *chairperson* u erba' membri ntiżi fil-qasam mużikali u/jew liriku. L-*Envelope* B imbagħad jinfetaħ waqt seduta tal-Kunsill dakinhar li jitressaq ir-rapport tal-Bord tal-Għażla.

7.5. Is-Sindku ppropona li l-Bord ikun kompost kif ġej:

| | |
|---|---|
| Mro Sigmund Mifsud | Chairman |
| Mro Domenic Darmanin | Membru |
| Mro Roderick Bugeja | Membru |

| | |
|---|---|
| Mr Charles Mifsud | Membru |
| Mr Paul B. Borg | Membru |

7.6. Saret referenza għal ittra datata 11 ta' April 2017, mibgħuta mis-Sinjuri Joe S. Grech u Anthony Fenech li fiha qalu li huma wrew interess mill-bidu, tant li Grech anke attenda l-laqgħa ta' informazzjoni li saret fit-12 ta' Jannar 2017, fejn allegatament ngħatat l-impressjoni li minn attenda dakinhar kien ser jiġi kkuntattjat personalment mill-Kunsill biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Huma għalhekk talbu li l-kontribuzzjoni tagħhom tiġi aċċettata bħala waħda tardiva.

7.7. Il-Kunsill osserva li saru żewġ sejħiet separati fil-ġurnali, filwaqt li ntuża wkoll is-sit elettroniku tal-Kunsill biex ittellgħu r-regolamenti tal-konkors, li kienu jindikaw, fost oħrajn id-data tal-għeluq. Ittieħed in konsiderazzjoni li kemm-il darba tiġi aċċettata t-talba, ikun konkorrent wieħed li jkollu l-identità tiegħu magħrufa, liema sitwazzjoni tmur kontra l-ispirtu tar-regolament 2.2., 2.3., 2.4., u 2.5.

## 8.1. Baġit u tħejjijiet għall-Mellieħa International Music Festival 2017 (A/5/3/4)

8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li bħala nefqa se tkun fuq il-livell tas-sena ta' qabel, filwaqt li d-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali, Monitoraġġ u Sapport alloka €6,000 taħt l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali.

8.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li jsir aktar aċċenn fuq l-aspett folkloristiku.

8.4. Is-Sur C. Bartolo kompla jgħid li għaddejjin kuntatti ma' żewġ gruppi folkloristiċi Taljani, kif ukoll ppropona li jkun hemm grupp ta' mużiċisti Maltin biċ-ċirimelli. Huwa għarraf ukoll li kienu għaddejjin kuntatti ma' banda minn Manchester iżda kien hemm diffikultajiet minħabba li l-AirMalta waqqfet it-titjiriet minn dik il-belt, filwaqt li mhux possibbli li jinġarru l-istrumenti mil-linja Ryanair.

8.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni skont l-minuta 8.4. aktar 'il fuq.

## 9.1. Talbiet dwar it-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet quddiem barijiet u stabbilimenti li jservu l-ikel (T/4/10/Vol II)

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saru żewġ applikazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar it-tqegħid ta' imwejjed siġġijiet li d-dettalji tagħhom jidhru hawn taħt:

| | |
|---|---|
| PA 1877/17 | Tqegħid imwejjed b'68 siġġu bl-umbrellel u faċilitajiet anċillari fi Ġnien tas-Salib fuq medda ta' 149 metru kwadru. |
| PA 2029/17 | Tqegħid ta' imwejjed fi Triq il-Madonna tal-Għar u f'Misraħ il-Parroċċa. |

9.3. Inġibded l-attenzjoni tal-Kunsill għad-*Development Notification Order Information (Class 14)* li tittratta t-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fuq art pubblika, fejn fost rekwiżiti oħra tipprovdi li:

(i) Kundizzjoni (b) – L-imwejjed u siġġijiet m'għandhomx jokkupaw aktar minn kwart tal-wisa' ta' triq, misraħ jew sqaq;

(ii) Kundizzjoni (d) – Li m'għandux ikun hemm triq li tissepara l-post indikat għall-imwejjed u siġġijiet u l-istabbiliment, sakemm ma jkunx hemm l-approvazzjoni ta' Transport Malta;

(iii) Kundizzjoni (g) – L-imwejjed u siġġijiet m'għandhomx jitpoġġew fuq art pubblika fejn jeżistu bankijiet, jew għal xi użu leġittimu ieħor mill-pubbliku.

9.4. Permezz ta' ittra data 5 ta' April 2017, Transport Malta kkummentaw li t-talba għandha tiġi trattata skont il-linji gwida addottati mill-Awtorità tal-Ippjanar, filwaqt li talbu jiġu ndikati aspetti marbuta mat-traffiku li jista' ikun meħtieġ illi jiġu trattati.

9.5. Dwar it-talba PA 1877/17 inqrat ittra datata 8 ta' April, fejn l-operaturi ta' Reflections Sports Pub and Grill spjegaw l-intenzjonijiet tagħhom, fosthom li lesti jieħdu f'idejhom it-tindif u l-manutenzjoni ta' Ġnien tas-Salib.

9.6. Inqara wkoll imejl datat 14 ta' April 2017, mibgħut mis-Sur William Bonello fejn esprima l-oġġezzjoni tiegħu personali dwar il-proposta PA 1877/17.

9.7. Wara li l-Kunsill ra l-pjanti, ġie nnutat li bejn l-istabbiliment u l-post indikat għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet hemm triq pubblika, kif ukoll li l-art in kwistjoni hija użata bħala *playing field* għat-tfal, fejn hemm ukoll bankijiet għall-pubbliku. Il-Kunsill ġie mfakkar li l-*area* l-aktar elevata kienet ġiet indikata sabiex issir funtana.

9.8. Ittieħed in konsiderazzjoni li n-natura tat-talba hija konfliġġenti mal-Artiklu 5 tar-Regolamenti dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi (L.S.315.04).

9.9. Għar-raġunijiet mogħtija fil-minuti 9.3.(ii), 9.3.(iii), 9.7, 9.8, il-Kunsill unanimament qabel li għandha tittressaq oġġeżżjoni għat-talba. Il-Kunsill kien tal-fehma wkoll li t-tindif u ż-żamma tal-ġnien m'għandhiex tiġi fdata lil operaturi ta' stabbilimenti kummerċjali. Ġie nnutat ukoll li fl-Estimi 2017, il-Kunsill alloka fondi proprju għal dan il-għan.

9.10. Rigward it-talba PA 2019/17, ġie nnutat li fil-każ ta' Triq il-Madonna tal-Għar, l-imwejjed u siġġijiet proposti jidher li ser jokkupaw aktar minn kwart tal-wisa' tat-triq. Fir-rigward tal-għamara proposta fuq il-parapett u fil-livell ta' Misraħ il-Parroċċa, kien hemm qbil li dawn għandhom ikunu regolati bil-kundizzjonijiet segwenti:

i. M'għandux jiġi okkupat ebda spazju fi Triq il-Madonna tal-Għar, peress li dan ixekkel l-aċċess għal garaxx eżistenti fuq in-naħa l-oħra tat-triq, kif ukoll dak pedonali, partikularment f'okkażjonijiet speċjali bħalma hija l-Festa;
ii. Għandu jitħalla passaġġ pedonali ta' mill-inqas 1.5 metri fuq il-parapett pubbliku;
iii. M'għandha titpoġġa ebda għamara fl-*areas* li attwalment huma ndikata bil-*hatching* fuq it-tarmak, preċiżament bi dritt it-turġien; u
iv. L-għamara fil-livell ta' Misraħ il-Parroċċa għandha tkun limitata għall-*parking bays* li jinsabu preċiżament quddiem l-istabbiliment tal-applikant;
v. L-imwejjed proposti fil-livell tal-misraħ għandhom jitpoġġew direttament fuq wiċċ it-triq mingħajr l-użu ta' pjattaforma, filwaqt li l-bankina titħalla ħielsa minn kull ngombru;
vi. L-armar tal-festa għandu jingħata preċedenza, kemm-il darba dan għandu postu fl-area indikata f'Misraħ il-Parroċċa; u
vii. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jitlob it-tneħħija tal-għamara proposta minħabba raġunijiet ta' periklu u/jew f'okkażjonijiet speċjali.

9.11. Il-Kunsill qabel unanimanent li dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu komunikati lill-Awtorità tal-Ippjanar.

## 10.1. Parteċipazzjoni fil-proġett *eMovie-Lab* (P/10/1/Vol IV)

10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal imejl mibgħut mill-Comune di Casalborgone tat-13 ta' April 2017, fejn intqal li mhux possibbli li jibdlu d-dati, iffisati għall-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi, bejn l-10 u t-18 ta' Settembru 2017. Dan peress li l-imsieħba l-oħra kkonfermaw li jistgħu jattendu. Fl-istess imejl intqal ukoll li d-delegazzjonijiet mhux necessarjament ikunu jinkludu uffiċjali mill-Kunsill Lokali.

10.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jiġu identifikati persuni ntiżi fis-suġġett li ser jiġi trattat fil-proġett.

**11.1. GF 0250/70 – Termini ta' referenza b'rabta mal-ħtieġa li jsir *environment impact statement* dwar l-allokazzjoni ta' żona għall-prattika tal-akwakultura fit-Tramuntana ta' Malta (T/8)**

11.2. Ġie spjegat li n-natura tat-talba msemmija tirrikjedi li jsir *environment impact statement*. F'dan l-istadju Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent, permezz ta' imejl datat 29 ta' Marzu 2017, qalet li ser tikkonsidra proposti sabiex jiġu nklużi fit-termini ta' referenza li fuqhom għandu jiġi ppreżentat l-istudju msemmi.

11.3. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li l-indikazzjoni ta' żona għall-prattika tal-akwakultura fit-tramuntana ta' Malta hija pass fid-direzzjoni t-tajba, għar-raġuni li tiġġarantixxi s-sostenibilità ta' operazzjonijiet bbażati fil-lokalità mil-lat ekonomiku. Dan minkejja li d-distanza bejn iż-żona eżistenti (qrib Kemmuna) u dik proposta (fuq is-Sikka il-Bajda) hija waħda sinifikanti.

11.4. Mil-lat ambjentali, il-Kunsill kien tal-fehma li t-termini ta' referenza tal-*Environment Impact Statement* għandhom jittrattaw l-aspetti segwenti:

(a) Sedimentazzjoni f'qiegħ il-baħar ikkawżat mill-ġenerazzjoni ta' skart, bħal prodotti tal-ippurgar, karkassi, u sustanzi żejtnin li normalment jaffettwaw żoni eżistenti allokati għall-akwakultura;

(b) Id-distanza bejn gaġeġ u perjodu ta' żmien suffiċjenti bejn ċiklu ta' tkabbir u ieħor, huma meqjusa bħala aspetti li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni biex jilqgħu kontra l-attività kontinwa, li ma tippermettix riġenerazzjoni ta' ħabitat marittimu; u

(c) Konsiderazzjoni ta' dejta disponibbli li tittratta l-effetti ambjentali ta' operazzjonijiet eżistenti, bil-għan li kwalunkwe permessi / liċenzjati ġodda jiġu regolati għab-bażi tal-esperjenza f'dan is-settur u statistika disponibbli.

**12.1. PA 3072/17 – Spusstjar ta' gaġeġ tat-tonn minn Kemmuna għal sit ġdid fuq is-Sikka l-Bajda (T/8)**

12.2. Is-Segretarju rrefera għad-dokumentazzjoni marbuta ma' din l-applikazzjoni u staqsa dwar jekk kienx hemm proposta dwarha.

12.3. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li t-trasferiment propost għandu jħalli effett pożittiv għaliex iż-żona ndikata hija aktar miftuħa u tnaqqas l-effetti normalment assoċjati ma' operazzjonijiet ta' din ix-xorta.

**13.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

13.2. Saret proposta sabiex fit 28 t April 2017, issir żjara fiċ-ċisterni u l-għerien ta' taħt l-art fejn hemm il-Palazz tal-Arċisqof, kif ukoll fil-ġnien tal-Monasteru ta' Santa Katerina fil-belt illi ser ikunu miftuħa għall-pubbliku bħala parti mill-Valletta Green Festival, li qed jiġi organizzat mill-Valletta V18. Għaldaqstant kien suġġerit li jiġi pprovdut transport permezz ta' minibuses bil prezz ta' €5 kull persuna, li jkun jinkludi wkoll xi *refreshments*. Il-Valletta V18 ser jħallsu tal-*minibus*.

13.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**14.1. Attività *"Lost and Found"* (A/6/3/2/Vol 65)**

14.2. Is-Sindku aċċenna għall-attività li seħħet qrib it-Torri l-Aħmar fil-15 ta' April 2017. Is-Sur J. Buttigieg stqarr li din kienet intenzjonata li ssir fir-Rabat (Malta), iżda l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi għarrfet lill-organizzaturi li ma kinitx ser toħroġ il-permess min-naħa tagħha biex l-avveniment iseħħ fejn oriġinarjament kien maħsub. Billi dan kien reklamat barra minn Malta permezz tal-internet, sar kuntatt mal-Kunsill u l-Pulizija biex jinstab post

alternattivi fil-Mellieħa u ġew indikati l-Palazz ta' Selmun u t-Torri l-Aħmar. L-ewwel proposta ma' ġietx milqugħa min-naħa tal-Kunsill, peress li l-post huwa qrib wisq ta' żona residenzjali u l-kappella ta' Selmun, fejn dakinhar kienet mistennija li ssir funzjoni reliġjuża. Għaldaqstant l-għażla waqgħet fuq it-Torri l-Aħmar, wara li sar kuntatt mas-Soċjetà Din l-Art Ħelwa li għandhom f'idejhom il-kustodja tal-istess bini. Eventwalment il-permessi, min-naħa tal-Pulizija u l-Kunsill inħarġu.

14.3. Il-Kunsillier H. Fenech ikkummenta li l-ħoss iġġenerat kien jinstemgħa mill-Mellieħa. Qal ukoll li l-ambjent għandu jingħata importanza fuq konsiderazzjonijiet oħra.

14.4. Is-Sindku wieġeb li f'dawn iċ-ċirkostanzi ngħatat attenzjoni sabiex jinstab post fejn lanqas jiġu kkawżati inkonvenjenzi u dannu lill-ambjent permezz tal-iskart jiġi ġġenerat. Fil-fatt, l-organizzaturi onoraw il-kundizzjoni fil-permess dwar it-tindif, għaliex dan sar tajjeb ħafna eżattament wara l-attività.

## 15.1. Ipparkjar f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (T/3/2/Vol XII)

15.2. Il-Kunsilliera E. Bartolo lmenta mill-fatt li vetturi tal-Pulizija qed jiġu pparkjati quddiem l-għassa minkejja li għandhom post riżervat għalihom fi Triq Ġorġ Borg Olivier. L-istess vetturi qed iħammġu l-paviment biż-żejt li jaqa' minnhom.

15.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni dwar dan in-nuqqas.

## 16.1. *Weight Lifting* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

16.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li fil-kamra fejn jiġi pprattikat l-isports imsemmi għandha ssir pjattaforma tal-konkos sabiex ma ssirx ħsara lill-madum.

16.3. Is-Sindku nnota li kienu nxtraw folji tal-injam li jistgħu jinbidlu, jew jitneħħew faċilment. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa ma jaqbilx li ssir xi ħaġa permanenti li xxekkel l-użu tal-post għal xi attività oħra.

16.4. Il-Kunsill qabel mal-opinjoni espressa fil-minuta 16.3.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa , 3 ta' Mejju 2017 fis-7.00 pm.

Joħn Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**